MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-8 ta' April, 2010

Numru 133/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**

**vs**

**Alexander Anthony Gialanze' Whiteford**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Alexander Anthony Gialanze' Whiteford** ta' 23 sena, bin Alexander u Carmen *nee'* Gialanze', mwieled Kettering, Northamptonshire, l-Ingilterra .fid-29 ta' Novembru, 1982, residenti 9, 'St Emily, Triq il-Kuncizzjoni, Hamrun, u detentur tal-karta tal-identita' numru 44501(L)

Talli fit-23 t'Ottubru 2005 ghall-habta tas-6:05 ta' filghxija filwaqt li kont detenut fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin ingurjajt u heddidt jew ghamilt offiza fuq il-persuna tal-Ispettur tal-Pulizija Stephen Gatt bhala persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzghu jew tinfluwixxi fuqha kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz u dan bi ksur tal-artikolu 956 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess data hin, lok u cirkostanzi ghedt kliem ta' theddid fil-konfront tal-familja tal-Ispettur tal-Pulizija Stephen Gatt u dan bi ksur tal-artikolu 339 (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghedt kliem oxxen, indecenti u dagha bi ksur tal-artikolu 338 (bb) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamilt uzu hazin minn mezzi ta' telekommunikazzjoni ghal ghanijiet li ma jkunx ipprovdut ghalihom u dan bi ksur tal-artikolu 35 (1) (d) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalik innifsek jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjenetement ghamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tajt taghrif falz bi ksur tal-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali Kap 9;

Rat il-kunsens tal-avukat generali u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja skond l-artikolu 370(4) tal-Kap 9;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi fl-gheluq tat-trattazjoni tal-kawza l-imputat ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu. Qabel din l-ammissjoni l-Qorti semghet lix-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni fejn irrizulta li l-imputat kien ghamel telefonata lill-*partner* tieghu mill-Facilita' Korrettiva ta' Kordin fejn waqt konversazzjoni maghha debitament registrata u esebita in atti, l-imputat *inter alia* dagha u qal kliem baxx f'livell ta' sotto diversi gradi, iddikjara bi kliem car u univoku li appena johrog mill-habs kien ser jippjanta bomba gewwa l-karozza tal-Ispettur Stephen Gatt.

Illi ghalhekk l-ammissjoni tal-imputat tammonta ghall-prova mehtiega f'dawn il-proceduri. L-ammissjoni mhix wahda kwalifikata u ghalhekk tirreferi ghall-akkuzi kollha dedotti kontra l-imputat;

Ghal dawn il-motivi ssib lil imputat hati tal-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu;

Rat l-artikoli 95 339(3) u 338(bb), 49 u 50 tal-Kap 9, 35(1)(d) tal-Kap 399;

Rat il-fendina penali raffrettarja tal-imputat u kkonsidrat il-gravita' tat-theddid mertu tal-kawza;

Tikkundannah ghall-terminu ta' prigunerija ta' erba (4) xhur. Inoltre tobligah ma jimmolestax u ma jdejjaqx lill-Ispetur illum Supretendent Stephen Gatt u/jew xi hadd mill-familjari tieghu fuq penali ta' elfejn euro (E2,000.00) ghal zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------